

# L-Istatwa Titulari ta' San Bartilmew

*minn Mario Fenech*

Waħda mill-istatwi titulari li ħafna jqisuha bħala waħda ta' valur artistiku għoli ħafna hija l-istatwa titulari ta' San Bartilmew li tinsab fil-Knisja Parrokkjali tar-raħal tal-Għargħur.

Minn tagħrif li għandna, nafu li kienet ġiet skolpita fl-injam f'Ruma fis-seklu sbatax u waslet fir-raħal tal-Għargħur fis-sena 1772.

Ma nafux eżatt min hu l-iskultur ta' din l-istatwa, iżda bosta jgħidu li din hija xogħol tal-iskultur Melchiore Gafà.

Hemm studjużi tal-istorja oħrajn li jgħidu li dan ix-xogħol kien bdieh l-iskultur Melchiore Gafà li kien miet fis-sena 1667 u tlestiet ftit taż-żmien wara mill-artist Francesco Zahra.

Fl-arkivju tal-parroċċa tal-Għargħur jinsab dokument importanti ħafna jew aħjar irċevuta bid-data tat-23 ta' April 1771 fejn hemm miktub li ċertu Don Saverio Maria Anastasi rċieva s-somma ta' 123 skud u 17-il karlin mingħand Dun Ġwann Maria Gafà biex dan ikun jista' jħallas prokuratur Vincenzo Ambrosini f'Ruma għax-xogħol li kien sar biex tlestiet l-istatwa ta' San Bartilmew.

Meta l-istatwa waslet fir-raħal, l-artisti Francesco Zahra għamel ix-xogħol tal-kisi bil-ġibs fuq l-istatwa u żebagħha.

Ġiet miżbugħa mill-ġdid u ndurata mid-ditta Francesco Coleiro tal-Belt Valletta fl-1912.

Ix-xogħol ta' skultura mill-isbaħ li għandha din l-istatwa jaħmilha waħda mill-aqwa xogħlijiet li għandhna fil-gżejjer Maltin.

Il-pedestall ta' taħt l-istatwa li huwa ndurat bid-deheb għandu għamla sempliċi biex ma jtellifx mill-attenzjoni tal-għajn minn fuq l-istatwa.



Il-poplu tar-raħal tal-Għargħur għandu għalfejn ikun kburi li għalkemm fis-sena 1772 meta r-raħal kien għadu wieħed żgħir imbiegħed mill-bliet ewlenin ta' Malta, irnexxielu jagħmel din l-istatwa titulari tal-patrun tar-raħal biex illum dawk kollha li jersqu lejn il-knisja parrokkjali jkunu jistgħu jammiraw il-ġmiel artistiku tagħha.

Il-festa t-tajba lil kulħadd.

